**Illum l-ewwel tas-sena**

Illum l-ewwel tas-sena bdejna sena
Ġdida li se toffri sfidi u kuraġġ,
Sena marbuta mal-virtù tat-tama
Biha jitqawwa fina raġġ.

Tal-imħabba li ma tafx toqgħod kwieta
Sakemm taqdi minn qalbha lil min tant tħobb,
Għax dan li jfisser is-skiet mimli hena
Li dal-jum jgħinek biex int tgħożż.

Fis-skiet li jimla' dal-jum tal-familja
Joħroġna mill-ħabsijiet li lkoll bnejna,
Meta għalaqna ħitan djarna għal batut
U fih lil Kristu insejna.

Imma Alla fil-ġustizzja jippermetti
Li fil-paċi f'qalbna le ma nħossuniex,
Qabel inħennu għal min iħossu waħdu
Imħabbittna ntuh. U għaliex?

Għax fih Kristu qed jistieden lilna lkoll
Biex nieħdu ħsiebu f'dawk li ma jħobbhom ħadd,
Dawk li ġew imwarrba mill-għeżież tagħhom
Imħabbtu lesta għal kulħadd.

Is-sena t-tajba dis-sena se tfisser
Li timpenja ruħek w tfarraġ l-imnikket,
Għax jekk tagħmel hekk dnubietek jinħafru
Se ssib l'Alla li se jbierkek.

Żomma taqbad t-tama l'għandek f'qalbek
Ħenn ħafna biex għanjietek tmur għand Ġesù,
Hemm se ssibu f'min m'għandux min iħobbu
Ieqaf miegħu, uri l-virtù.

Kun af li jekk tibda' fuq dis-sieq tajba
Barka fuq barka f'darek se tistenna,
Ħa jkollok gazz u l' min hu waħdu tilqa'
Ibd'millum l-ewwel tas-sena.

Patri Mario Attard OFM Cap
1 ta' Jannar 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.